MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004

Numru 374/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

Helen Briffa
Eugenio Gaffarena

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputati Helen Briffa u Eugenio Gaffarena ta' karta ta' identita' numru 41366(M) u 779658(M) rispettivament, akkuzati:

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'Ottubru 2002 u fix-xhur ta' wara, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq

haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh b’qerq ta’ 800 dollaru Amerikan ghad-dannu ta’ Mehari Berhane. Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-verbali relattivi.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati huma akkuzati ta’ truffa aggravata u qerq innominat.

Issa f’din il-kawza ma ingabu ebda provi mill-prosekuzzjoni u fil-verita’ lanqas setghu jingabu biex tigi sostnuta l-akkuza.

Ghalhekk tiddeciedi billi in mankanza totali ta’ provi tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------